

Brussell, 4 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0202 (COD)**

9701/18
ADD 1

SOC 362
ECOFIN 562
FSTR 31
COMPET 414
FIN 435
IA 172

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 16 ta' Mejju 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2018) 380 final ANNEX

Suġġett: ANNESS ta' Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
(FEG)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 380 final ANNEX.

Mehmuż: COM(2018) 380 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2018
COM(2018) 380 final

ANNEX

ANNEX

ta'

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)**

ANNEX

Indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati għall-applikazzjonijiet tal-FEG

Id-data personali¹ kollha għandha titqassam skont is-sess (mara, raġel, mhux binajru).

- (1) Indikaturi komuni tal-output dwar il-benefiċjarji
- persuni qiegħda*,
 - persuni inattivi*,
 - persuni impjegati*,
 - persuni li jaħdmu għal rashom*,
 - persuni iżgħar minn 30 sena*,
 - persuni akbar minn 54 sena*,
 - persuni b'edukazzjoni sekondarja baxxa jew inqas (ISCED 0-2)*,
 - persuni b'edukazzjoni sekondarja għolja (ISCED 3) jew b'edukazzjoni postsekondarja (ISCED 4)*,
 - persuni b'edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-8)*.

It-total ta' benefiċjarji għandu jiġi kkalkulat awtomatikament abbażi tal-indikaturi komuni tal-output relatati mal-istatus tal-impjieg².

Din id-data dwar il-benefiċjarji li jipparteċipaw f'miżuri kofinanzjati mill-FEG se tiġi pprovduta fir-rapport finali kif speċifikat fl-Artikolu 20(1).

- (2) Indikaturi komuni tar-riżultat dwar il-benefiċjarji
- il-perċentwal tal-benefiċjarji tal-FEG f'impjieg (maqsuma skont it-tip ta' kuntratt ta' impjieg: full time/part time, fuq terminu fiss jew indefinit) u li jaħdmu għal rashom, 6 xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni*,
 - il-perċentwal tal-benefiċjarji tal-FEG li jiksbu kwalifika 6 xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni*,
 - il-perċentwal tal-benefiċjarji tal-FEG fl-edukazzjoni jew taħriġ 6 xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni*.

Din id-data għandha tiġi pprovduta fir-rapport finali kif speċifikat fl-Artikolu 20(1) u għandha tinġabar permezz ta' data pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kif ukoll minn sħarriġiet tal-benefiċjarji (kif speċifikat fl-Artikolu 20(1)d). Din id-data għandha tkopri t-total ikkalkulat tal-benefiċjarji kif irrapportat skont l-indikaturi komuni tal-output (1). Għalhekk, il-perċentwali għandhom jirrelataw ukoll ma' dan it-total ikkalkulat.

- (3) Indikaturi tar-riżultati komuni għall-benefiċjarji fuq żmien itwal

¹ L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jistabbilixxu sistema li tirreġistra u taħżen id-data tal-parteċipanti individwali f'forma kompjuterizzata. L-arranġamenti tal-ipproċessar tad-data implimentati mill-Istati Membri għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.05.2016, p. 1), b'mod partikolari l-Artikoli 4, 6 u 9 tiegħu. Id-data rrapportata bl-indikaturi mmarkati b'asterisk (*) hi data personali skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-ipproċessar tagħha hu meħtieġ għall-konformità mal-obbligu legali li għalih hu soġġett il-kontrollur (l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679).

² Persuni qiegħda, inattivi, impjegati, li jaħdmu għal rashom

- il-perċentwal tal-benefiċjarji tal-FEG f'impjeg, inkluż persuni li jaħdmu għal rashom, 18-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni speċifikat fid-deċiżjoni ta' finanzjament*.

Din id-data għandha tkun disponibbli sa tmiem id-dsatax-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni. Id-data għandha tkopri t-total ikkalkulat tal-benefiċjarji kif irrapportat skont l-indikaturi komuni tal-output (1). Għalhekk, il-perċentwali għandhom jirrelataw ukoll ma' dan it-total ikkalkulat. Għal każijiet akbar, li jkopru aktar minn 1 000 benefiċjarju, id-data tista' tinġabar ukoll abbażi ta' kampjun rappreżentattiv tat-total ta' benefiċjarji kif irrapportat bħala indikatur tal-output (1).